## L-Ewwel Direttur Spiritwali taċ-Circolo San Gabriel

# Patri Valentin Cardona O.F.M.

**Silvio Cassar**

Patri Valentin Cardona twieled f'Ħal Balzan nhar l-10 ta' Jannar 1900. Ġie mgħammed bl-isem ta' Ġużeppi. Dan Ġużeppi, ta' età żgħira ħass il-ġibda għall-artal u kien mar talab lill-W.R.P. Franġisk M. Galea fis-sena 1919 biex jilqgħu fost l-ulied Franġiskani. Ta' 21 sena pprofessa sollennement ir-regola Franġiskana u b'hekk ingħaqad mal-istess Ordni u sena wara ġie ordnat saċerdot.

Hu ħa isem ta' Patri Valentin li ngħiduha kif inhi, l-isem Valent kien isem popolari ġewwa Ħal Balzan minħabba l-korp sagru tal-martri San Valentinu, li nsibu fuq l-artal ta' San Mikiel fil-Knisja Parrokkjali. Patri Valent kien il-kbir fost 5 aħwa: Ġużeppi (Patri Valentin), Valent, Spiridione, Manann u Ċonċetta. Il-laqam tal-familja kien Ta' Vendisu.

Sa minn meta sar Patri fis-sena 1921 u bit-twaqqif taċ-Circolo San Gabriel fit-18 ta' April 2017, il-Kumitat Direttiv ħatar lil Patri Valentin Cardona, wild Balzani sabiex ikun l-ewwel Direttur Spiritwali ta' dan iċ-Circolo ġdid li kien għadu jitwaqqaf.

Il-ħidma tiegħu f'pajjiżna kienet pjuttost waħda qasira għax fis-sena 1926, is-superjuri tiegħu rieduh imur l-Eġittu sabiex jaħdem hemm qalb l-emigranti Maltin t'hemmhekk. Ħadem f'diversi Knejjes fil-Kajr; fil-Knisja ta' Bulaq, fl-Ospizju tal-Madonna tal-Karmnu, fl-Ospizju tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u fil-Kunvent ta' San Ġużepp. Fl-1946 intgħażel bħala President tal-Kunvent ta' Meandi. Wara t-Tieni Gwerra nsibuh lura Malta u kompla x-xogħol tiegħu għall-Missjoni tal-Art Imqaddsa bħala Viċi Kummissarju.



Patri Valentin Cardona OFM

Kien imfittex ħafna għall-prietki mill-Parroċċi Maltin għall-mod kif kien iwassal il-messaġġ tal-Evanġelu u t-tixrid tiegħu kif ukoll il-kobor tal-missjoni fl-Art Imqaddsa.

Fis-sena 1954, flimkien mal-Kummissarju Patri Nikola Magro bdew joħorġu 'Leħen l-Art Imqaddsa' sabiex ixerrdu aktar devozzjoni u aħbarijiet mill-Art Imqaddsa. Kien imfittex għall-qrar ukoll. Il-ħlewwa tiegħu biex jispjega kienet xi ħaġa mill-aqwa. Il-Balzanin kienu jħobbuh għax kellu kelma li tqanqlek b'kelma mnebbħa dwar il-Ħallieq. Apparti dan, Patri Valentin kien simpatiku għall-aħħar.

Meta ġie lura Malta, Patri Valentin kien joqgħod fil-Kunvent tal-Franġiskani tal-Belt Valletta imma ta' sikwit kien jiġi Ħal Balzan. Patri Valentin miet fl-10 ta' Ottubru 1977. Fil-minuti ma sibtx meta Patri Valentin temm il-kariga ta' Direttur Spiritwali ta' din is-Soċjetà ewlenija f'Ħal Balzan.